KAWŻA
TAL-BEATIFIKAZZJONI

# P. Avertan Fenech, O.Carm.

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

*Viċi Postulatur*

Nhar il-Ħamis 2 ta' Frar, 2017, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju u Jum il-Ħajja Konsagrata, l-Arċisqof Charles J. Scicluna mexxa l-Ewwel Sessjoni tal-Inkjesta Djoċesana fil-Ftuħ tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, Karmelitan. Din is-sessjoni saret fil-knisja tal-Karmnu tal-Imdina, quddiem folla ta' saċerdoti, reliġjużi Karmelitani u minn Ordnijiet oħra, Terzjarji, familjari, nies li jafu lill-Qaddej ta' Alla u nies oħra devoti tiegħu. Preżenti wkoll kien hemm il-Kunsilli Lokali tal-Imdina u l-Mosta.

Minn dakinhar, it-Tribunal, it-Teoloġi u l-membri tal-Kummissjoni Storika ħadmu qatigħ biex semgħu x-xhieda, għarblu l-kitbiet u ġabru d-dokumentazzjoni kollha possibbli diretta u indiretta dwar il-Qaddej ta' Alla. Għaldaqstant kif tlesta dan ix-xogħol kollu, it-Tribunal talab lill-Arċisqof sabiex jagħlaq l-Inkjesta Djoċesana. Mons. Arċisqof deherlu li l-għeluq għandu jiġi ċċelebrat nhar l-1 ta' Novembru, 2017, Solennità tal-Qaddisin Kollha, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta. L-għażla tal-jum tfisser ħafna, għax għalkemm f'dan l-istadju ma jingħatax ġudizzju dwar il-qdusija tal-Qaddej ta' Alla, madanakollu juri li l-Inkjesta Djoċesana tat eżitu pożittiv.



*Mons. Arċisqof jiffirrma d-dokumenti waqt ir-Rit tal-Għeluq tal-Inkjesta Djoċesana.*

Ir-Rit tal-Għeluq beda fil-5.00pm bl-eżortazzjoni tal-Arċisqof, il-kant tal-*Veni Creator,* il-preżentazzjoni lill-Arċisqof min-naħa tan-Nutar għall-Kawża dwar l-Atti u d-dokumentazzjoni miġbura, il-ħalfiet tal-Arċisqof innifsu, id-Delegat Arċiveskovili, il-Promotur tal-Ġustizzja, in-Nutar, il-Portitur (li aċċetta d-dmir li jwassal id-dokumentazzjoni kollha Ruma għand il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin), kif ukoll il-Viċi Postulatur. Id-dokumentazzjoni sħiħa, li twassal għal 12,000 dokument, hija miġbura fi tliet taqsimiet imsejħa *Archetipo, Transunto, Copia Pubblica*. Ir-Rit għalaq bl-issiġillar bl-inċira tad-dokumenti u l-ittri tal-Arċisqof lill-Prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, il-Kardinal Angelo Amato, li fiha jippreżenta r-riżultat tal-Inkjesta Djoċesana u jiggarantixxi li sar kollox skont in-Normi tal-Kongregazzjoni. Iċ-ċelebrazzjoni mbagħad kompliet bil-Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr. Ta' min isemmi hawnhekk li l-Kon-Katidral kien mimli bin-nies għal din l-okkażjoni ta' ferħ kemm għall-Ordni Karmelitan kif ukoll għall-Knisja f'Malta.

Il-Ġimgħa 3 ta' Novembru, 2017, il-Portitur uffiċjali, flimkien mal-Postulatriċi tal-Ordni Karmelitan, irħewlha lejn Ruma sabiex iwasslu personalment tmintax-il kaxxa ssiġillata u magħluqa fi tliet kaxxi kbar oħra ssiġillati bir-riżultat tal-Inkjesta Djoċesana. Nhar is-6 ta' Novembru, 2017, dawn il-kaxxi waslu għand il-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin u ftit jiem wara ħadna l-aħbar li d-dokumentazzjoni kollha kellha tinfetaħ nhar is-27 ta' Novembru, 2017.

Dakinhar tas-27 ta' Novembru, fil-11.00am, fil-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, ingħata bidu għall-ftuħ pubbliku tal-kaxxi bid-dokumentazzjoni kollha miġbura mill-Arċidjoċesi ta' Malta. Il-ftuħ sar mis-Segretarju tal-Kongregazzjoni fil-preżenza tal-Postulatriċi Ġenerali tal-Ordni Karmelitan, id-Dottoressa Giovanna Brizi, tal-Viċi Postulatur għall-Kawża ta' P. Avertan, P. Charlò Camilleri, tal-Provinċjal P. Alexander Vella, P. Glen Attard u s-Sinjura Sharon Bonnici, TOK, nutara tal-Inkjesta Djoċesana u s-Sinjura Rita Vella Brincat flimkien mal-Prof. Ian Mikrut mill-Kummissjoni Storika fl-Inkjesta Djoċesana. Wara li ppreżentajna d-digriet tal-Kardinal Prefett Mons. Angelo Amato, inġiebu l-kaxxi, sar mument ta' talb u s-Segretarju fetaħ l-ittri tal-Arċisqof, l-*Instrumentum Chiusurae* u ittri oħra li jippreżentaw id-dokumentazzjoni miġbura fl-Arċidjoċesi. Imbagħad is-Segretarju fetaħ il-kaxxi billi qata' ż-żigarelli u kiser is-siġilli sabiex ikun jista' jara d-dokumentazzjoni filwaqt li ċċekkja l-Atti tal-ewwel sessioni fil-ftuħ tal-Kawża li saret nhar it-2 ta' Frar, 2017, kif ukoll l-Atti tal-Għeluq li ġie ċċelebrat fl-1 ta' Novembru, 2017. Huwa wkoll iċċekkja l-indiċi li juri d-dokumentazzjoni kollha miġbura. Id-dokumentazzjoni issa tgħaddi għar-rilegatura f'volumi sabiex il-proċess jingħata lill-esperti ħalli wara li janalizzawh joħorġu, jekk Alla jrid, id-digriet tal-Validità tal-Proċess.



Id-delegazzjoni Maltija preżenti għall-ftuħ tad-dokumenti fil-Vatikan.

Hekk inbdiet il-Fażi Rumana tal-Proċess Kanoniku tal-Kawża. Għaldaqstant, issa d-dokumentazzjoni kollha tiġi studjata sabiex jingħata l-verdett dwar il-validità tal-proċess, jiġifieri, sabiex ikun aċċertat li fl-Inkjesta Djoċesana sar kollox skont in-normi u kif għandu jkun mingħajr qerq jew difett fil-proċedura kanonika. Ġaladarba l-Inkjesta tiġi ġġudikata valida, jiġi magħżul Moderatur u miegħu xi ħaddieħor



*Is-Segretarju ta' Mons. Angelo Amato jiftaħ il-kaxxi bid-dokumenti tal-Kawża.*

sabiex tinkiteb il-*Positio* jiġifieri studju, mid-dokumentazzjoni kollha misjuba u miġjuba quddiem il-Kongregazzjoni, li jrid jipprova l-ħajja qaddisa tal-Qaddej ta' Alla fl-għejxien tal-virtujiet eroj ċi. Kif dan iseħħ, il-*Positio* tingħata lill-istoriċi u lit-teoloġi sabiex jagħtu l-ġudizzju tagħhom. Jekk dan ikun pożittiv, il-Papa jiddikjara lill-Qaddej ta' Alla bħala Venerabbli. Kulma jkun jonqos huwa l-miraklu li bih il-Knisja tiddikjara lill-Qaddej ta' Alla Beatu u wara dan b'miraklu ieħor biex tiddikjarah Qaddis.

F'dan il-punt nistgħu ngħidu li mill-Inkjesta Djoċesana diġà ħarġu żewġ mirakli preżunti, li meta jasal il-waqt jiġu studjati. Inħeġġu lil kulħadd ħalli nitolbu lil Alla bl-interċessjoni tal-Qaddej ta' Alla biex dak li beda jasal fi tmiem mixtieq ma jdumx.

## Attivitajiet oħra

- Fit-30 ta' Ottubru, 2017, bħal kull sena, fil-knisja parrokkjali tal-Mosta, saret it-tifkira tal-mewt ta' P. Avertan waqt Konċelebrazzjoni u talb ieħor. Wara tqiegħdet kuruna tar-rand mal-monument tiegħu li hemm qrib il-knisja.
- Fil-31 ta' Ottubru, 2017, fis-7.00pm, fil-knisja tal-Karmnu tal-Imdina saret Velja ta' talb bit-Transtu ta' P. Avertan.
- Fil-11 ta' Novembru, 2017, fil-kunvent tal-Karmnu tal-Imdina sar seminar dwar il-Ħajja u t-Tagħlim Spiritwali ta' P. Avertan, organizzat mill-*Carmelite Institute Malta* u tmexxa minn Dun John Berry. Is-seminar beda fid-9.30am u spiċċa fl-4.30pm.
- Bil-għan li jinżamm kuntatt mad-devoti ta' P. Avertan, fix-xahar ta' Novembru, il-Viċi Postulatur beda joħroġ fuljett b'tagħrif dwar l-iżvilupp li jkun qed isir fil-Kawża tal-Beatifikazzjoni tal-Qaddej t'Alla, kif ukoll b'informazzjoni dwar ħajtu u t-tagħlim tiegħu.